# L-Inkurunazzjoni Tal-Madonna tal-Ħerba



Joe Brincat

Kitba ta' Waħda mill akbar avvenimenti li ġraw f'Birkirkara kien bla dubju ta' xejn l-inkurunazzjoni tax-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Ħerba li saret fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Birkirkara, l-fuq minn mitt sena ilu.

Jingħad. li żmien kbir ilu kien hemm kappella ċkejkna ddedikata lill Assunta li kienet mibnija f'post imħarbat, U fiha kien isier il-quddies. Darba, raġel mifluġ, imwieżen fuq żewġ krozzi, kien għaddej minn dawk l-akwati, meta sema l-qanpiena ta' din il-knisja ddoqq għall-quddies, u dan l-imsejken staqsa lill xi nies li kienu fil-viċin, fejn kienet tinsab din il-knisja biex ikun jista jisma l-quddiesa. Huwa ħaffef kemm seta biex ikun jista jisma l-quddiesa mill bidu. Hekk kif daħal f'din il-knisja, huwa talab b'ħerqa kbira lill-Madonna biex tagħtih is-saħħa f'riġlejh li tant kien jeħtieġ.

F'daqqa waħda, ħass f'saqajh ċerta saħħa mhix tas-soltu. Bl-eċitament li ħass il-krozzi waqgħu minn taħt spallejh u hawn induna li seta jimxi mingħajr għajnuna ta' xejn. B'ferħ kbir u bi dmugħ nieżel minn għajnejh, irringrazzja bil-qalb lill Madonna għall dak li għamlet miegħu u talabha taċċetta l-krozzi tiegħu biex jiddendlu fil-knisja bħala xhieda u tifkira ta' dan il-miraklu kbir li għoġobha tagħmel miegħu.



Il-Kwadru Mirakoluż

L-aħbar ta' dan il-miraklu xterdet ma' Malta kollha bħal leħħa ta' berqa. Bosta nies minn kull rokna ta' Malta bdew jinġabru qtajja qtajja u jmorru f'pellegrinaġġi lejn din il-knisja ċkejkna, li issa kienet saret magħrufa bħala tal-Madonna tal-Ħerba (għax kienet mibnija f'post imħarbat). Min-naħa Tagħha,



Il-Knisja kif kienet qabel

il-Madonna bdiet ixxerred xita kbira ta' grazzji lil kull min beda jirrikorri lejha. Aktar u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-qima tal-Maltin lejn il-Madonna tal-Ħerba bdiet kulma tmur dejjem tikber u tissaħħaħ. Minħabba li żdiedu l-għadd kbir ta' devoti li kienu ta' kuljum jżuru dan it-tempju, inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja oħra, għax issa din il-knisja kienet saret żgħira. Il-Knisja il-ġdida, li kienet akbar u isbaħ, tlestiet fl-1640. Dan it-tempju minn żmien għall-ieħor reġa ġie mkabbar u imżejjen.

Il-kwantita kbira ta' grazzji li kompliet taqla l-Madonna tal Ħerba matul iż-żminijiet lill dawk kollha li rrikorrew lejha, komplew nisslu f'qalb il-poplu Malti ix-xewqa kbira li x-xbieha mirakoluża Tagħha tiġi nkurunata b'kuruna tad-deheb. Issa peress li din il-knisja kienet taqa taħt il-Kolleġġjata ta' Birkirkara, saret talba verbali lill Kapitlu tal-Kolleġġjata biex ix-xbieha tagħha tiġi nkurunata. Il-Kapitlu mill ewwel qabel ma din l-idea.

Għal dan il-għan il-Kapitlu taħt it-tmexxija tal-Prepostu Alfons Borg għamlu talba uffiċjali lill Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Pietru li kellu s-setgħa li jagħti l-permess meħtieġ biex l-istatwa jew il-kwadru jkunu nkurunati u ħallewha f'idejn l-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace biex iressaqha hu quddiem il-Kapitlu tal-Vatikan. Min naħa tiegħu l-Isqof ma qagħadx lura u għen kemm felaħ biex dan ikun jista jseħħ. Fit-13 ta' Frar ta' l-1910 il-Kapitlu tal-Vatikan laqa t-talba tal-Kapitlu ta' Birkirkara u bagħat id-digriet ta' l-inkurunazzjoni.

Il-Prepostu Dun Alfons Borg kif ukoll il-Prokuratur s-sur Kostantinu Grech ħejjew festi tassew kbar u ħadmu kemm felħu biex din l-inkurunazzjoni tirnexxi kif jixraq. L-Insinji Kolleġġjata Arċimatriċi Paroċċa ta' Birkirkara, illum ukoll Bażilika, ġiet mgħażula għal dawn il-funzjonijiet.

Il-festi bdew il-Ħamis 4 ta' Awwissu 1910, bi Tridu tassew devot li fiħ ippridkaw tlett saċerdoti differenti, Dun Alessandro Cortis D.D., Patri Stefano Grech O.P. ul-Prepostu Dun Alfons Borg. In-numru kbir ta' nies li attendew ghal dawn il-funzjonijiet kien wieħed impressjonanti. Imbagħad is-Sibt għall ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofs inhar, ir-relikwija ta' Marija Santissima solennement ittieħdet mill-kappella ta' l-Addollorata għal fuq l-artal maġġur. Ezatt wara, ir-Reverendissimu Prepostu ta bidu għall-għasar solenni. Il-mużika fil-funzjonijiet kollha kienet immexxija mill-organista Ġużeppi Borg.



Il-Knisja kif kienet qabel

Imbagħad l-għada l-Ħadd 7 ta' Awwissu kienet il-ġurnata ta' l-Inkurunazzjoni. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa bil-fervorin, imqaddsa mill Prepostu fis-sitta u nofs ta' filgħodu. Aktar tard grupp kbir ta' nisa u rġiel li kienu ġew mill-Imsida u mill-Ħal Għargħur ġew biex jagħtu qima lil Madonna tal-Ħerba. Imbaghad fid-disa wasal l-Isqof Mons. Pietru Pace, u kwarta wara bdiet ċ-ċerimonja ta' l-inkuruazzjoni. Inqara l-kuntratt quddiem l-imsemmi Isqof, quddiem il-membri tal-Kumitat ta' din il-Festa, quddiem is-sinjuri Antonio Micallef LL.D. u Alfredo Parnis LL.D. Imħalfin tal-Maesta Tiegħu r-Re li ffirmaw l-kuntratt. Wara, r-Rev. Prof. Dun Manwel Vassallo, ċermonjier ta' l-Isqof qara d-digriet.

L-Isqof bierek iż-żewġ kuruni tad-deheb miżmumin fuq żewġ imħaded infurrati bil-ħarir aħmar. Dawn ittieħdu proċessjonalment mal-knisja u tqiegħdu fuq l-altar maġġur in-naħa ta' l-epistola. Hawn l-Isqof beda l-quddiesa pontifikali li għaliha kienu preżenti, barra l-Kapitlu ta' Birkirkara, l-Kapitlu tal-Katidral, u l-Kapitli ta' San Pawl tal-Belt, ta' l-Isla, tal-Birgu u ta' Bormla. Kien hemm ukoll l-komunitajiet reliġjużi kollha, il-Kamra Pontifiċja ta' Malta u l-aħjar nies tal-gżejjer tagħna fosthom l-Isqof t'Għawdex Fra Giovanni Maria Camilleri.

Wara l-vanġelu l-Isqof ta' Malta niseġ Omelija mimlija għerf. Kif spiċċat il-quddiesa pontifikali, iż-żewġ Isqfijiet, l-assistenti, iċ-ċerimonier, u l-Imħalfin telgħu fuq il-palk li fuqu kienet tinsab ix-xbieha għażiża u mirakoluża tal-Madonna tal-Ħerba u fost il-kant tar-Regina Coeli, l-Isqof Pace l-ewwel qiegħed il-kuruna fuq ġbin Ġesu, imbagħad l-oħra akbar fuq ġbin Marija.



Id-digriet

Wara nofsinhar komplew il-festeġġjamenti u għal dawn il-funzjonijiet attendew folol kbar ta' nies. Wara l-kant tat-tieni għasar, il-Profs. Dun Anton Vella D.D, għamel diskors tassew sabiħ li bih ħeġġeġ lil kulħadd għall-qima u l-imħabba lejn il-Madonna tal-Ħerba.

Wara saret purċissjoni mill Kolleġġjata għas-Santwarju bil-Kwadru nkurunat. Din il-purċissjoni kienet tabilħaqq imponenti kemm għal għadd ta' saċerdoti u ta' fratellanzi li ħadu sehem fiha kif ukoll għall-eluf ueluf ta' nsara li kienu ġew minn bliet u rħula l-aktar il-bogħod biex jagħtu qima lil Madonna tal-Ħerba u biex fost it-talb iwasslu x-xbieha ħelwa u inkurunata sa ġewwa s-Santwarju tagħha.

Il-festi ta' dan il-jum li ma jintesaw qatt u li għandhom jibqaw imnaqqxa fil-qlub tal-Maltin kollha spiċċat bil-barka Sagramentali mogħtija mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni Maria Camilleri.

L-għada ta' dawn il-festi, ir-Rev. Patri Feliċ Grima O.F.M. fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu ta bidu għal Settenarju solenni fis-Santwarju tal-Ħerba, li kien imżejjen mill-aqwa għal dawn il-festi.

Nazju tal-Ġwież
PET SHOP



Għal kull tip ta' Għasafar, Hamiem, Annimali, Ġwież u Medicini
119, Main Str., B'kara
Tel: 2144 2285 - Mob: 7959 5313

YELLOW PHASE LTD
IRONMONGERY SHOP
ELECTRICAL & PLUMBING WORKS
54, Triq il-Kbira Has-Sajjied,
Birkirkara, BKR 2483
Tel: 2149 42 74
Email: yellowphase@gmail.com
www.yellowphase.com
Find us on: facebook.
CARMEL SAMMUT
99 47 45 99